



Brussell, 28 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12622/18

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0374(CNS)

FISC 385
ECOFIN 856
CULT 106
DIGIT 185

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	14823/16 FISC 210 ECOFIN 1114 IA 129
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE, rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud li japplikaw għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi – Qbil politiku

1. Fl-1 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE, rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud li japplikaw għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi¹.
2. Id-Direttiva 2006/112/KE dwar is-Sistema Komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud attwalment tipprevedi li s-servizzi pprovduti b'mod elettroniku, inkluż il-pubblikazzjonijiet ipprovduti b'mod elettroniku, jiġu intaxxati bir-rata standard. Mill-banda l-oħra, il-kotba dwar il-mezzi kollha ta' appoġġ fiżiku, kif ukoll gazzetti u perjodiċi, jistgħu jiġu intaxxati b'rata mnaqqsa tal-VAT, u xi Stati Membri ngħataw ukoll il-possibbiltà li jkomplu japplikaw rati mnaqqsa ħafna, inkluż l-eżenzjonijiet bit-tnaqqis tal-VAT imħallas fl-istadju preċedenti (rata żero).

¹ Dok. 14823/16.

3. Dan id-dossier leġislattiv ikopri settur speċifiku tal-ekonomija, li huwa importanti fil-kuntest tal-politika tas-Suq Uniku Diġitali tal-UE. Ir-regoli li jiġu introdotti minn din id-Direttiva emendatorja ma jkunux mandatorji. Dawn ir-regoli jiġu applikati temporanjament, sakemm il-Kunsill tal-UE jwettaq l-impenn politiku tiegħu li jilleġisla fuq is-sistema definittiva tal-VAT inkluż ir-regoli dwar l-iffissar tar-rati tal-VAT².
4. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2017³. L-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ingħatat fil-5 ta' Lulju 2017⁴.
5. Wara l-ħidma teknika preparatorja, il-Kunsill ECOFIN iddiskuta d-dossier waqt il-laqgħat tiegħu fis-16 ta' Ġunju 2017⁵, il-25 ta' Mejju 2018 u t-13 ta' Lulju 2018⁶, madankollu, kien għadu ma setax jintlaħaq l-appoġġ unanimu meħtieġ tal-Istati Membri. Waqt il-laqgħa tal-ECOFIN tat-13 ta' Lulju 2018 delegazzjoni waħda baqgħet iżżomm ir-riżerva tagħha, filwaqt li delegazzjonijiet oħrajn li intervjenew enfasizzaw il-bżonn urġenti li jintemmu b'suċċess dawn in-negozjati. Għalhekk, il-Presidenza indikat li dan id-dossier għandu jkun fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tat-2 ta' Ottubru 2018.
6. Wara l-laqgħa tal-Attachés Fiskali fis-17 ta' Settembru, id-delegazzjonijiet kollha indikaw li huma lesti jappoġġaw it-test ta' kompromess tal-Presidenza li jinsab fl-Anness għal din in-nota.
7. Fis-26 ta' Settembru 2018 il-Komitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) iddeċieda li jirrakkomanda li dan id-dossier jitressaq quddiem il-Kunsill bħala punt "A" ("mingħajr diskussjoni").⁷
8. Il-Kunsill għaldaqstant mistieden, fil-laqgħa li jmiss tiegħu:
 - jilħaq qbil politiku dwar l-abbozz ta' Direttiva, kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota, bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva, soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti.

² Fit-18 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud. L-oġġettiv ta' dik il-proposta leġislattiva huwa li jintroduċi r-regoli dwar l-iffissar tar-rati tal-VAT fl-UE kollha, b'effett mid-dħul fis-seħħ tal-arranġamenti definittivi għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

³ ĠU C 307, 30.8.2018, p. 205.

⁴ ĠU C 345, 13.10.2017, p. 79.

⁵ Dok. 8076/17 u dok. 10040/17 + COR 1.

⁶ Dok. 8771/18 FISC 208 ECOFIN 403 CULT 57 DIGIT 88 + COR1.

⁷ Dok. 12259/18 FISC 373 ECOFIN 833 CULT 97 DIGIT 175.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2006/112/KE, rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud li japplikaw għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁸,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁹,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

⁸ ĠU C , , p. .

⁹ ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE¹⁰ tistipula li l-Istati Membri jistgħu japplikaw rati mnaqqsin tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għall-pubblikazzjonijiet fuq kwalunkwe mezz ta' appoġġ fiżiku. Madankollu, rata mnaqqa tal-VAT ma tistax tiġi applikata għall-pubblikazzjonijiet ipprovduti elettronikament, li għandhom jiġu ntaxxati bir-rata tal-VAT standard.
- (2) Bi qbil mal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tal-Kummissjoni¹¹ u biex jibqgħu aġġornati mal-progress teknoloġiku fl-ekonomija diġitali, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-fakultà li jallinjaw ir-rati tal-VAT fuq il-pubblikazzjonijiet ipprovduti elettronikament mar-rati tal-VAT aktar baxxi fuq il-pubblikazzjonijiet fuq kwalunkwe mezz ta' appoġġ fiżiku.
- (3) Fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT¹², il-Kummissjoni spjegat li l-pubblikazzjonijiet ipprovduti elettronikament għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess trattament ta' rata tal-VAT preferenzjali bħall-pubblikazzjonijiet fuq kwalunkwe mezz ta' appoġġ fiżiku. Fid-deċiżjoni reċenti tagħha f'C-390/15, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkunsidrat li l-provvista ta' publikazzjonijiet diġitali, minn naħa, fuq kull tip ta' mezz fiżiku u, min-naħa l-oħra, elettronikament, jikkostitwixxu sitwazzjonijiet komparabbli. Għaldaqstant, ikun xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà għall-Istati Membri kollha li japplikaw rata mnaqqa ta' VAT għall-provvista ta' kotba, gazzetti u perjodiċi irrispettivament minn jekk dawn jiġux ipprovduti fuq mezz fiżiku ta' appoġġ jew elettronikament. Għall-istess raġunijiet, huwa xieraq li daww l-Istati Membri li attwalment japplikaw, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, rati ta' VAT aktar baxxi mill-minimu stabbilit fl-Artikolu 99 jew jagħtu eżenzjonijiet bil-possibbiltà tat-tnaqqis tal-VAT li tkun tħallset fl-istadju preċedenti, għal ċerti kotba, gazzetti jew perjodiċi forniti fuq mezz fiżiku ta' appoġġ, ikunu jistgħu japplikaw l-istess trattament tal-VAT għal dawn il-kotba, gazzetti jew perjodiċi meta jiġu pprovduti elettronikament.

¹⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

¹¹ COM(2015) 192 final.

¹² COM(2016) 148 final.

- (4) Mill-1 ta' Jannar 2015, il-VAT fuq kull servizz ipprovdut elettronikament ġiet imposta fl-Istat Membru fejn ikun ibbażat il-klijent. Bl-implimentazzjoni tal-prinċipju ibbażat fuq id-destinazzjoni, ma għadx hemm il-bżonn li tiġi applikata r-rata standard għall-pubblikazzjonijiet ipprovduti elettronikament sabiex jiġi żgurat l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- (5) Sabiex jevitaw l-użu estensiv ta' rati tal-VAT imnaqqsin għall-kontenut awdjoviżiv, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-fakultà li japplikaw rata mnaqqsa għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi biss jekk dawn il-pubblikazzjonijiet, kemm dawk fuq mezz ta' appoġġ fiżiku, kif ukoll li huma pprovduti elettronikament, ma jikkonsistux kompletament jew b'mod predominanti minn kontenut ta' mużika jew ta' vidjo.
- (6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu d-diskrezzjoni li jiffissaw ir-rati tal-VAT għall-pubblikazzjonijiet u jirrestrinġu l-kamp ta' applikazzjoni tar-rati mnaqqsa tal-VAT, inkluż, soġġett għal ġustifikazzjoni oġġettiva, meta l-pubblikazzjonijiet diġitali joffru l-istess kontenut għall-qari.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2006/112/KE tiġi emendata skont dan.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 98(2), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-rati mnaqqsin ma għandhomx japplikaw għas-servizzi pprovduti elettronikament bl-eċċezzjoni ta' dawk li jidħlu taħt il-punt (6) tal-Anness III."

(2) fl-Artikolu 99, jinżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u flimkien mar-rati msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 98, l-Istati Membri li, fl-1 ta' Jannar 2017, kienu japplikaw, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, rati mnaqqsin li kienu aktar baxxi mir-rata minima stabbilita f'dan l-Artikolu jew kienu jagħtu eżenzjonijiet bil-possibbiltà tat-tnaqqis tal-VAT li tkun tħallset fl-istadju preċedenti għall-provvista ta' ċerti oġġetti msemmijin fil-punt (6) tal-Anness III, jistgħu japplikaw l-istess trattament tal-VAT meta dik il-provvista tiġi pprovduta elettronikament, kif imsemmi fil-punt (6) tal-Anness III."

(3) Fl-Anness III, il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(6) il-forniment, li jinkludi s-self mil-libreriji, ta' kotba, gazzetti u perjodiċi jew fuq il-mezzi ta' appoġġ fiżiku jew ipprovduti elettronikament jew it-tnejn (inkluż opuskoli, fuljetti u oġġetti simili stampati, kotba għat-tfal bl-istampi, tat-tpiġija jew tat-tpiġija bil-kulur, mużika stampata jew f'forma ta' manuskritt, mapep u mapep idrografiċi jew mapep simili), minbarra pubblikazzjonijiet kompletament jew b'mod predominanti ddedikati għar-reklamar u minbarra l-pubblikazzjonijiet li kompletament jew b'mod predominanti jikkonsistu minn kontenut ta' mużika jew ta' vidjo;"

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President